

## I

(Atti leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2016/2094 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Novembru 2016

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Katteġat, il-Baħar tat-Tramuntana, is-Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant, il-Punent tal-Iskozja u l-Baħar Irlandiż, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet. L-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 huwa sfruttament sostenibbli li jreġġa' lura u jżomm daww l-istokkijiet tal-merluzz 'il fuq mil-livelli li kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).
- (2) L-evalwazzjoni xjentifika tal-prestazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 mwettqa mill-Komitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) żvelat għadd ta' problemi fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) issuġġerixxa evalwazzjoni mill-ġdid tal-istrateġija ta' ġestjoni, b'mod partikolari wara bidla fil-perċezzjoni tal-istokk tal-Baħar tat-Tramuntana.
- (3) Bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> mill-1 ta' Jannar 2014, il-qafas ta' ġestjoni għall-merluzz inbidel b'mod fundamentali, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art.
- (4) Bħalissa jinsabu għaddejnin tejjijiet għal pjanijiet pluriennali ġodda għal sajd għal diversi speċijiet f'diversi reġjuni tal-Atlantiku, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Eventwalment ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ser jiġi sostitwit, għal kull żona rilevanti, minn daww il-pjanijiet pluriennali ġodda għal sajd għal diversi speċijiet. Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ser ikompli japplika għal perijodu ta' żmien qasir biss. Madanakollu jenħtieġ li jsiru għadd ta' emendi urġenti għar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 biex jiġi kopert il-perijodu sakemm jibdw japplikaw il-pjanijiet pluriennali ġodda għal sajd għal diversi speċijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU C 44, 15.2.2013, p. 125.

<sup>(2)</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013 (ĠU C 65, 19.2.2016, p. 193).u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-29 ta' Settembru 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... Novembru 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) Ir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 rriżulta f'għadd ta' kisbiet rigward is-selettività u miżuri oħra għall-prevenzjoni tal-qbid tal-merluzz, iżda sar ostakolu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, peress li jfixkel adattament ulterjuri tax-xejriet tas-sajd, bħall-għażla taż-żona u l-irkaptu. Għalhekk ir-reġim tal-isforz tas-sajd jenħtieġ li ma jkomplix. Peress li r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 wassal għal titjib sinifikanti fis-selettività u l-prevenzjoni tal-qbid tal-merluzz permezz ta' inċentivi li kienu marbuta mar-reġim tal-isforz tas-sajd u permezz ta' miżuri nazzjonali (pjanijiet għall-prevenzjoni tal-qbid tal-merluzz u għat-tnaqqis tar-rimi tal-merluzz), huwa ta' importanza kbira li, filwaqt li l-obbligu ta' ħatt l-art jiġi introdott għall-qabdi kollha ta' merluzz skont l-iskeda għall-introduzzjoni tiegħu stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fis-sajd ikomplu, jew ikomplu jiżviluppaw, dawk il-miżuri nazzjonali.
- (6) Matul fażi tranżitorja fejn għaddejnin tħejijiet għal pjanijiet pluriennali ġodda għal sajd għal diversi speċijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 f'żoni issa koperti bir-Regolament (KE) Nru 1342/2008, il-miżuri ta' ġestjoni jenħtieġ li jieħdu kont tal-livelli minimi u prekawzjonarji ta' bijomassa adatti. Jekk l-istokkijiet jaqgħu taħt il-livelli ta' salvagwardja ta' bijomassa (MSY B<sub>trigger</sub>) disponibbli f'pari xjentifiku konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-indirizzar tas-sitwazzjoni.
- (7) F'xi oqsma koperti bir-Regolament (KE) Nru 1342/2008, l-informazzjoni dwar l-istokk u s-sajd tista' ma tkunx suffiċjenti biex jiġu determinati l-opportunitajiet ta' sajd f'konformità mal-prinċipju tal-MSY. F'tali każijiet, jenħtieġ li jiġi segwit l-approċċ prekawzjonarju.
- (8) Minbarra r-reġim tal-isforz tas-sajd, ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 introduċa sistema ta' permessi tas-sajd speċjali marbuta ma' limitazzjoni tal-kapaċità totali tal-qawwa tal-magna tal-bastimenti tas-sajd f'żona rilevanti. Sabiex jiġi evitat spostament li jfixkel attività tas-sajd li jista' jkollu impatt negattiv fuq l-irkupru ta' stokkijiet, huwa adatt li tinżamm dik is-sistema, filwaqt li r-reġim tal-isforz tas-sajd innifsu qed jitwaqqaf għalkollox.
- (9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>(1)</sup> ħassar għadd ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li kienu jirreferu għall-Annessi II u III tiegħu. Minħabba li m'hemm l-ebda referenzi oħra fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 għal dawk l-Annessi, dawn m'għadhomx rilevanti u jenħtieġ li jitħassru.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).”;

- (2) L-Artikolu 4 huwa mħassar;

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

- (3) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

### **Objettiv tal-pjan**

1. Il-pjan imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkollu l-għan li jiġi żgurat sfruttament li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-merluzz fil-livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli.
2. Kwalunkwe miżura ta' ġestjoni meħuda skont dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u mal-prinċipji u l-għanijiet ta' dak ir-Regolament.”;

- (4) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

### **Livelli minimi u prekawzjonarji ta' bijomassa**

Meta jiġu adottati miżuri ta' ġestjoni, il-livelli minimi u prekawzjonarji ta' bijomassa għal kull stokk ta' merluzz għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.”;

- (5) L-Artikoli 7 u 8 huma mħassra;

- (6) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 9

### **L-istabbiliment ta' TACs f'kondizzjonijiet ta' data dgħajfa**

Fejn, minħabba f'nuqqas ta' informazzjoni preċiża u rappreżentattiva biżżejjed, l-opportunitajiet ta' sajd ma jkunux jistgħu jiġu determinati f'konformità mal-Artikolu 5(1), l-iffissar ta' opportunitajiet ta' sajd għandu jkun ibbażat fuq approċċ prekawzjonarju f'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'kont meħud tax-xejriet fl-istokk tal-merluzz u fl-attività tas-sajd, u waqt li jiġi żgurat tal-anqas livell komparabbli ta' konservazzjoni tal-istokkijiet rilevanti.”;

- (7) Wara l-Artikolu 9 tiddaħħal intestatura ta' Kapitolu ġdid:

## **“KAPITOLU IIa**

### **OBBLIGI TAL-ISTATI MEMBRI”;**

- (8) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

### **Awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-limiti massimi tal-kapaċità**

1. Għal kull waħda miż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jorjog awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (\*) għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jwettqu attivitajiet ta' sajd f'dik iż-żona u li jużaw wieħed mill-irkapti li ġejjin:

- (a) tartaruni tal-qieġh u tartaruni (OTB, OTT, PTB, SDN, SSC, SPR) b'malji:

- (i) TR1 daqs jew akbar minn 100 mm,
- (ii) TR2 daqs jew akbar minn 70 mm u anqas minn 100 mm,
- (iii) TR3 daqs jew akbar minn 16 mm u anqas minn 32 mm;

- (b) xbieki tat-tkarkir bil-lasti (TBB) b'malji:

- (i) BT1 daqs jew akbar minn 120 mm,
- (ii) BT2 daqs jew akbar minn 80 mm u anqas minn 120 mm;

- (c) xbieki tal-garġi, xbieki tat-tħabbil (GN);

(d) pariti (GT);

(e) konzjiet (LL).

2. Mingħajr preġudizzju għal-limiti massimi ta' kapaċità li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għal kull żona ġeografika msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, il-kapaċità totali espressa f'kW tal-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġin skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tkun akbar mill-kapaċità massima tal-bastimenti li kienu attivi fl-2006 jew l-2007 li jużaw wieħed mill-irkapti msemmija fil-paragrafu 1 fiż-żona ġeografika kkonċernata.

3. Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti li jkollhom l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmijin fil-paragrafu 1 u jagħmilha disponibbli fuq is-sit web uffiċjali tiegħu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra.

(\*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).";

(9) Il-Kapitolu III huwa mħassar;

(10) L-Artikoli 30 u 31 huma mħassra;

(11) L-Annessi I, II, III u IV huma mħassra.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, it-23 ta' Novembru 2016.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

I. KORČOK